**Kulleġġ Missjunarju ta' San Pawl:**

Comment:

## L-IMSIEĦBA FL-ISKOLA

'It-tfal jimlew id-dar', ngħidu. U l-iskola mhux inqas. Dan fhimtu ċar ħafna f'dawk il-ġranet meta aħna, flimkien ma' l-iskejjel kollha tal-Knisja ma ftaħniex f'Settembru f'nofs is-snin tmenin minħabba l-ġrajjiet li konna qed ngħixu fihom dak iż-żmien bħala pajjiż. Min-naħa tagħna, f'dak il-perjodu, konna bqajna għaddejjin bix-xogħol ta' manutenzjoni sa l-ewwel ġranet ta' Ottubru - iżda l-iskola vojta kienet tinħass bla ruħ...

F'kull skola, it-tifel hu dejjem iċ-ċentru, l-istess bħal fil-familja. U dak kollu li jsir idur miegħu - f'tama sħiħa li t-tifel, maż-żmien, jasal f'tiegħu u jieħu postu fil-ħajja. Iżda dan isir BISS mal-mixja taż-żmien. U matul din il-mixja, d-dar u l-iskola jgħaqqdu l-forzi tagħhom, u flimkien jimxu mat-tifel matul il-perjodu li hu jqatta' ġo l-iskola jipprepara ruħu eżattament għal dakinhar meta hu jkun lest, ikun laħaq immatura biex jibda l-fażi l-oħra ta' ħajtu li tkun tmiss fil-mixja tiegħu ta' persuna li qed tikber u timmatura sakemm isir raġel magħmul. Fil-kuntest tagħna ta' skola sekondarja, l-istudent jidħol hawn tifel ta' għaxra, ħdax-il sena u joħroġ ġuvni ta' sittax. Il-mixja tiegħu ta' ħames snin fi skola sekondarja ġġib flimkien, u qrib ħafna ta' xulxin, kemm il-familja tiegħu u kemm l-iskola li jattendi. Hekk, it-tliet protagonisti flimkien jaqbdu din il-mixja li l-għan fundamentali tagħha hu li twassal lill-istudent bħala żagħżugħ ta' sittax-il sena biex jaqbad triqtu fil-ħajja u jidħol fil-ħajja tagħna l-kbar. Għalhekk bil-fors trid tqis li l-istudent, il-familja tiegħu u l-iskola huma l-protagonisti f'din il-mixja taż-żagħżugħ. Illum nitkellmu dwar 'IMSIEĦBA' / *STAKEHOLDERS.* It-tlieta li aħna għandna l-biċċa tagħna x'nagħmlu u l-kontribut partikolari tagħna x'nagħtu. Għalhekk, hi ta' ħtieġa assoluta li jkun hemm armonija bejn it-tliet Imsieħba matul din il-mixja ta' l-istudent minn tarf tfulitu sal-bidu ta' ħajtu bħala adult, lest li jidħol bi dritt u b'mod sħiħ fil-ħajja adulta fejn hu, issa, jkun mistenni li jagħti sehemu lura lis-Soċjetà li tkun kabbritu. Iktar ma tkun sħiħa l-armonija bejn l-istudent, il-familja tiegħu u l-iskola fejn imur, iktar ikun kbir iċ-ċans li l-istudent jidħol f'din id-dinja adulta ppreparat dejjem aħjar. Iżda din l-"armonija" ma tiġix waħidha. Bħal f'kull realtà umana oħra, l-bnedmin li qed jgħixu u jaħdmu flimkien fl-istess realtà, flimkien iridu jaħdmu kemm fuqhom infushom bħala persuni ndividwali u kemm jikkolaboraw bejniethom ħalli l-għan aħħari li lilhom għaqqad flimkien jista' jintlaħaq.

Fil-każ ta' skola sekondarja, hu l-iżvilupp sħiħ tat-tifel biex minn tifel isir żagħżugħ matur, lest u ppreparat li jibda fażi ġdid oħra f'ħajtu, li żżomm lill-Imsieħba fl-edukazzjoni ta' l-adolixxenti flimkien. Dawn ma jiltaqgħux flimkien b'kumbinazzjoni; hemm skop preċiż li jżommhom flimkien. U kull Imsieħeb għandu l-biċċa tiegħu x'jagħmel matul din il-mixja biex hekk l-istudent ikollu l-aħjar ċans li jimmatura bħala persuna bl-aħjar mod. Ma nixba' qatt nirrepeti lili nnifsi l-ewwel wieħed u imbagħad lil kull wieħed u waħda: waħdu ma jsir xejn; u ma hemm xejn x'tassumi u tieħu *for granted*. Anzi - u dan hu agħar - min jistrieħ, ifarfar fuq ħaddieħor r-responsabbiltà tiegħu jkun joħloq fl-istudent pretensjonijiet vojta li jwasslu biss għal disilluzjoni fil-ħajja.

Bejnietna, f'din l-iskola, ġieli użajna l-frażi 'skola komunità'. Din kien ħareġ biha l-ewwel darba Fr Bernard Mangion meta hu kien Rettur qabli f'tarf is-snin sebgħin; illum hu s-Superjur Ġenerali tagħna MSSP. Dakinhar, l-istaff kien kollu MSSP - kemm għalliema u kemm support staff; u l-*Ladies Circle* u l-*Fathers' Club* kienu għadhom fl-ewwel snin tagħhom. Kien żmien meta konna l-unika skola tal-knisja li toffri tagħlim bla ħlas - u dan waqt li bħala post il-kulleġġ kien għaddej jibni blokk wara blokk; aħna, llum, qed ingawdu dak li sar dakinhar, xhieda tal-Providenza t'Alla li sostnietna.

Iżda kienu x'kienu ċ-ċirkustanzi finanzjarji dakinhar, l-iżvilupp ta' l-istudent bħala persuna kien dejjem iċ-ċentru tal-viżjoni tagħna ta' edukazzjoni li konna noffru. Dakinhar stajna noffru ħafna inqas faċilitajiet milli għandna llum - iżda dejjem fittixna li noffru dak l-ambjent meħtieġ fejn l-istudent seta' jiżviluppa u jimmatura b'mod sħiħ. U dan kien possibli għax dejjem fhimna li d-dar u l-iskola jaħdmu flimkien iridu, u fl-isfond ta' din il-kollaborazzjoni l-istudent jitgħallem isib lilu nnifsu, u bil-mod jitgħallem ukoll jagħti sehemu. Kien propju ambjent bħal dan li wassal lil Fr Bernard joħroġ b'din il-frażi ta' 'skola komunità' biex ifisser it-tip ta' klima, ta' ambjent li dakinhar kienu jikbru fih l-istudenti tagħna. U jiena, illum, wara dawn is-snin kollha, inħoss li din l-istess għaqda bejn id-dar u l-iskola, bejn it-tliet Imsieħba - l-istudent, il-familja tiegħu, u l-iskola bħala għalliema u kurrikulu (il-ħajja ta' l-istudent fl-iskola, fi kliem ieħor) għadha l-aħjar garanzija għall-iżvilupp sħiħ ta' l-istudent li jidħol hawn tifel biex joħroġ żagħżugħ matur fuq l-għatba tal-ħajja adulta tiegħu. Il-kunċett ta' 'SKOLA KOMUNITÀ', IVA, għadu validu, u kif!

Aħna, fil-Kulleġġ tagħna, fil-ħajja tagħna ta' kuljum, kif nippruvaw ngħixu dan l-ambjent ta' għaqda, ta' kontinwità bejn id-dar u l-iskola? Għax it-tfal jitgħallmu iżjed minn dak li jgħixu, mill-esperjenza konkreta li tibnihom kuljum, milli mill-ħafna kliem li ngħidulhom. Hu l-eżempju li jkaxkar!

Fil-bidu għidt li fl-iskola hu dejjem it-tifel ċ-ċentru; kif ukoll li l-Imsieħba fl-edukazzjoni huma tlieta. Jien ser nitfa' l-ewwel ħarsa tiegħi fuq it-tifel. Imma dan ma jfissirx li l-familja tiegħu jew l-iskola fejn imur jiġu 't-tieni' jew 'it-tielet' - diskors bħal dan ma jagħmilx sens. Għax jekk hu veru li l-borma fuq tlieta toqgħod, iżda biex toqgħod sewwa, hemm bżonn tat-tliet saqajn li huma, u marbuta flimkien.

Meta ser inħares lejn it-tifel fis-sekondarja, jien għandi quddiemi tifel li jibda ta' għaxra, ħdax-il sena u jispiċċa minn hawn ta' sittax. Konxju ħafna, f'dan il-mument, li ser nidħol f'kamp li ta' spiss insemmi fih, li ħafna drabi wkoll irreferejt għalih u għall-aspetti differenti tiegħu f'okkazzjonijiet oħra bħal tal-lejla; u li l-għalliema tagħna tant semgħu fuq dan li kważi jistgħu jistennew bl-amment x'ser ngħid; waqt li l-istudenti nfushom ftit inqas. Imma matul is-snin sibt li dritt niżloq fin-niexef meta nibda nassumi li ħaddieħor qed jara ċar bħali dak li għalija hu evidenti. Barra dan, billi kull sena jispiċċa ċiklu ta' studenti fil-Form 5 u jibda ieħor minfloku fil-Form I, faċli nċedi għat-tentazzjoni li bħal "nixba" nirrepeti l-istess ħwejjeġ - waqt li ninsa l-fatt li hu verament ovvju: li kull grupp ta' studenti fil-Form I ikun għadu fil-bidu taċ-ċiklu tal-iżvilupp kollu li l-perjodu ta' l-adolixxenza jġib miegħu. U dan mhux biss għall-istudent innifsu, iżda fil-biċċa l-kbira tal-każi tkun esperjenza għal kollox ġdida wkoll għall-ġenituri tiegħu għax faċli li t-tifel jew ikun il-kbir id-dar jew inkella jkollu oħtu. U għalhekk l-esperjenza tal-iżvilupp tat-tifel ħafna drabi tkun għalihom esperjenza ġdida wkoll.

Mela min hu 't-tifel' li id-dar u l-iskola flimkien jqisuh bħala ċ-ċentru ta' l-attenzjoni tagħhom?! It-tifel hu persuna; persuna li trid tgħaddi minn perjodi differenti ta' żvilupp; u li kull perjodu ta' dan l-istess żvilupp iġib miegħu ħtiġijiet ġodda - u li kull waħda minn dawn il-ħtiġijiet ġodda tiegħu lilna l-kbar tibda tiswielna ħafna enerġija u ħin - barra flus! Kemm ta' spiss dan ir-ritmu mgħaġġel ta' tibdil fit-tifel ifixkel lill-ġenituri li bħal ma jkununx jistennew dan kollu, bħallikieku jistennew li t-tifel jippretenduh dejjem żgħir; bħal min ikollu ġeru ta' kelb jew ferħ ta' qattus u l-gost tiegħu hu jilgħab miegħu - daqs li kieku l-ġeru mhux kelb irid isir u l-ferħ qattus!

Frażi li nirrepeti elf darba: it-tifel hu akbar minn moħħu. U aħna l-kbar irridu nitgħallmu naqraw il-progress fil-ħajja akkademika tiegħu, "fl-iskola", proprju fid-dawl tat-taqlib kollu li l-adolixxenza ġġib magħha. Barra dan, billi t-tifel hu akbar minn moħħu, hu għandu ħtieġa ta' ħafna 'attivitajiet' oħra li m'humiex studju u li lilu jgħinuh jiżviluppa wkoll l-aspetti differenti tal-personalità tiegħu. Sakemm it-tifel jgħaddi minn fażi ta' żvilupp għall-oħra, żmien irid jgħaddi! L-istess bħal ma hu meħtieġ biex hu jitla' minn klassi għall-oħra. Kif jista' jkun, għalhekk, li tifel jibqa' kkonċentrat biss fuq l-istudju meta l-emozzjonijiet u l-bijoloġija tiegħu, u l-interess tiegħu fil-ħajja jiftħulu orizzonti oħra bla tarf. Ma' dan trid iżżid l-għażliet li hu bil-fors irid jasal jagħmel bejn l-affermazzjoni ta' l-indipendenza personali tiegħu u l-"indħil" tagħna l-kbar; il-pjaċir u l-aljenazzjoni ta' moħħu kontra l-labar li jkun fih is-siġġu meta jaqbad il-kotba f'idejh - iżda , mbagħad, meta jixgħel il-kompjuter jinsa' li s-siġġu fih il-labar u minflok jibqa' mwaħħal fuqu għal siegħat sħaħ quddiem l-i*screen*. U inti tgħajjat biex jistudja jew jinżel għall-ikel! Aspett ieħor fundamentali hu kif hu jrid jitgħallem iġib ruħu ma' sħabu fi spirtu ta' rispett reċiproku li ma jittollera ebda forma ta' *bullying* ma' l-oħrajn.

Għalkemm nista' nibqa' sejjer fuq dan kollu, ma nistax almenu ma nsemmix il-fatt li hu fil-mixja tal-fidi tiegħu, ukoll irid jgħaddi minn fażijiet differenti. U hawn qed nirreferi direttament għall-fidi fil-persuna ta' Ġesù Kristu, u mbagħad għall-'prattika' tar-Reliġjon. Anke hawn meħtieġ iż-żmien, u li nfakkar lili nnifsi li jien, l-għażliet li għamilt f'ħajti għamilthom għalija nnifsi, u li lilu nipproponilu dawn il-valuri u ninkurraġġih għalihom nista'; waqt li nitlob u nittama (u nistenna ż-żmien) li hu, fil-mument tajjeb għalih, jasal jagħmilhom tiegħu. Hawn ikolli nsemmi wkoll il-preparazzjoni għall-ħajja ta' l-imħabba - kemm saret problematika llum minħabba l-qawwa li l-'media' għandha u li toffri tant mudelli ta' ħajja ta' mħabba differenti. Eżempju żgħir: faċli ħafna li tifel tal-Form I, biex jinki jew jirritalja ma' sieħbu, jgħidlu li huwa *gay*...

Wara dan kollu, l-istudju u l-eżamijiet fejn jidħlu?! Għax wara kollox l-istudent għalhekk jiġi l-iskola biex fl-aħħar tal-kwinta jirnexxielu jersaq għall-eżamijiet tas-SEC. Minn daqshekk, l-*Old Boys* joffru eżempju tajjeb ħafna, kif jixhdu r-riżultati fl-aħħar paġni tal-programm stampat li għandkom f'idejkom, kif ukoll in-numru ta' *Old Boys* li jiggradwaw kull sena u li kull sena jaqbeż it-tletin jekk mhux l-erbgħin ukoll; u dan meta tqis li l-*intake* ta' kull sena mill-eżami hu ta' 50 student.

Jekk it-tifel hu ċ-ċentru, kif diġà għidt, x'inhu r-rwol tagħna l-kbar f'din il-mixja - kemm ġenituri u kemm għalliema? Jekk nibqa' fuq l-istess tixbiha/*image* ta' mixja, żgur li r-rwol tagħna jew aspett fundamentali tiegħu għandu jkun dak li nakkumpanjahom f'din il-mixja; li nimxu magħhom. Fil-psikoloġija ta' l-iżvilupp dan il-kunċett li "takkumpanja" lil min irid jieħu l-formazzjoni tiegħu għandu konnotazzjonijiet u implikazzjonijiet li jaħdmu fuq livelli differenti; iżda li kollha qegħdin hemm, u li jħallu l-influwenzi tagħhom fuq l-istudent li jkun qed jirċievi l-edukazzjoni u l-formazzjoni tiegħu. Għalhekk assolutament importanti u fundamentali l-mod kif id-dar u l-iskola jħarsu lejn il-ħajja, lejn il-valuri, u fi kliem ieħor, fejn jitfgħu l-attenzjoni u l-enfasi fuq il-prioritajiet tagħhom. Dak li hu ovvju u li diġà semmejtu qabel, għalhekk, hi l-ħtieġa li d-dar u l-iskola, jimxu flimkien u jkunu qrib ta' xulxin f'din il-mixja tat-tifel. Nerġa' ntenni: hu żball oħxon li wieħed jassumi li din l-għaqda bejn id-dar u l-iskola tiġi weħidha u taħdem b'mod awtomatiku hekk kif it-tifel jidħol fil-Form I. Għaliex hawn kollox idur, jew kważi, fuq xiex jien qed infittex fil-ħajja, kemm jien konvint minnu jien stess tant li nixtieq li dak li konvint minnu jien nixtieq narah inkarnat f'ibni; li hu bil-mod il-mod jagħmel tiegħu u jgħix il-valuri mhux għax inżommlu idu jien bħal meta kien żgħir, iżda meta kiber, jagħmilhom tiegħu b'għażla personali u libera. Sakemm dan iseħħ, żmien irid jgħaddi, u għalhekk il-ħtieġa li aħna l-kbar 'nakkumpanjaw' lill-adolixxent f'din il-mixja tiegħu lejn il-maturità fl-aspetti differenti tagħna - il-ħajja akkademika tiegħu, dik emozzjonali, l-edukazzjoni fl-imħabba(!) marbuta tant intimament ma' l-iżvilupp sesswali u l-mod kif jirrelata ma' l-oħrajn, l-użu tal-ħin liberu, l-mixja fil-fidi; u sejrin. Din hi lista ta' ħtiġijiet differenti ta' l-istudent li jkun għaddej mill-proċess tal-maturazzjoni tiegħu, u proċess li jilħaq l-aqwa tiegħu eżattament fiż-żmien tal-edukazzjoni sekondarja; u lista li għadha mhix kompluta iżda li hi diġà twila mhux ħażin! Aħna - intom ġenituri d-dar u aħna l-għalliema fl-iskola - fejn qegħdin il-prioritajiet / l-għażliet fundamentali tagħna? Fejn qed nitfgħu l-enfasi - nerġa' ngħid: il-ġenituri fid-dar u l-għalliema fl-iskola! Kemm hemm qbil bejn id-dar u l-iskola fuq l-għażliet, il-valuri u fuq xiex tisħaq - fi kliem ieħor: il-viżjoni ta' ħajja fid-dar u l-iskola hi l-istess jew ta' l-inqas toqrob sew lejn ta' xulxin? Għax jekk le t-tifel jispiċċa ballun fin-nofs, u min jinbuttah 'l hawn u min 'l hemm.

Ftit trid biex tifhem il-ħtieġa li jinħoloq spazju u ħin li fih l-iskola tiltaqa' mad-dar; u dwar il-ħtieġa li kemm l-iskola u kemm id-dar ikunu ppreparati ħalli t-tnejn ikollhom l-għodda, l-ħiliet meħtieġa

biex ikunu jistgħu jwettqu din il-missjoni tagħhom li 'jakkumpanjaw' lill-istudent matul l-istadji differenti fil-proċess tal-maturazzjoni tiegħu.

Daqqa t'għajn ħafifa lejn il-Kalendarju tal-Kulleġġ mill-ewwel turik bil-ħafna inizzjattivi fejn il-familja hija mistiedna tieħu sehem fil-ħajja ta' l-iskola. U hawn mhux qed nirreferi għall-attivitajiet ta' *fund-raising*. Diġà għidt li biex 'takkumpanja' lill-adolixxenti jinħtieġu ħiliet / *skills* partikulari. U għidt ukoll li ma tixtax tassumi li għax koppja żżewġet awtomatikament kisbu dawn il-ħiliet. Korsijiet ta' *parenting skills* isiru b'ċerta regolarità; u bħalissa l-ġenituri huma mistiedna jsegwu kors fuq ħtiġijiet oħra - kif ikomplu jikbru fl-imħabba bejniethom bħala *partners* id-dar. Dan il-kors hu mmexxi minn *family therapist* ikkwalifikat. Barra dan, min-naħa tiegħi, bħala Rettur, nipprova nieħu kull okkażjoni li joffri l-kalendarju tal-kulleġġ biex inwassal messaġġ. Dan id-diskors tiegħi għal-lejla, ta' kull sena, hu sforz ieħor f'dan is-sens. Il-ġenituri jafu li kemm jien u kemm l-*Assistant Head* aħna dejjem *available* fuq livell personali. U l-bieb dejjem miftuħ tal-uffiċji tagħna hu tifkira kontinwa ta' dan. Napprezza ħafna wkoll d-disponibilità tal-i*staff* kollu li jisma', kemm lill-istudent u kemm lill-ġenituri fil-limiti tal-possibli, u dan mhux biss nhar il-*Parents' Day*. La qegħdin hawn irrid nirrimarka wkoll li l-preżenza hekk spissa f'kull ġimgħa ta' l-iskola, tista' tgħid, ta' tant ġenituri fil-*canteen*, qed toffri kontribut qawwi biex tinħoloq dik il-klima ta' fiduċja bejnhom u l-istaff - fiduċja li tiġi biss minn rispett reċiproku fejn jidħol il-kamp proprju ta' kull parti, iżda fl-istess ħin rispett li jfisser wkoll ftuħ reċiproku.

Bħala staff, aħna wkoll infittxu li nkomplu ntejbu lilna nfusna kemm bħala professjonisti fil-kamp rispettiv tagħna u kemm bħala persuni. Matul is-sena għandna diversi ġranet u/jew nofs ta' nhari fejn meta t-tfal ikunu d-dar, aħna niltaqgħu biex proprju inkomplu niżviluppaw lilna infusna bħala għalliema u bħala persuni. Għax il-ħila professjonali fil-kamp rispettiv tiegħi hi meħtieġa tassew; iżda jien, bħala għalliem fil-klassi, mal-persuna tat-tifel ser niltaqa' u mhux ma' moħħu biss. Jekk il-qofol tat-tagħlim hu biss l-informazzjoni li rrid ngħaddi lill-istudenti fis-suġġett tiegħi, illum il-kompjuter joffri għajnuna u programmi ħafna aħjar milli naf ngħaddi jien. Imma l-kompjuter illum, bħal dak inhar li ġie introdott it-tagħlim bil-*closed circuit television,* hu biss għodda. Ir-relazzjoni umana trid tinbena fil-klassi bejn il-persuna ta' l-għalliem u l-persuna ta' l-istudent; din ir-relazzjoni tissaħħaħ, imbagħad, bil-kontribut tal-ġenituri.

Min-naħa tiegħu, l-kulleġġ, b'rikonnoxximent lill-għalliema għall-kontribut tagħhom u biex jibbilanċja l-fatt li huma fl-ambjent żgħir ta' skola żgħira tal-knisja ftit għandhom ċans ta' avvanz f'dik li hi karriera, beda inizjattiva oħra. Għal dawn l-aħħar 12-13-il sena, kull sajf, il-kulleġġ qed joffri *scholarship* lill-wieħed mill-istaff biex huma jkunu jistgħu jkomplu jiżviluppaw l-ħiliet tiegħhom fil-qasam professjonali tagħhom. Meta ressaqt dan is-suġġeriment lill-*Fathers' Club* u l-*Ladies' Circle* dak iż-żmien, ir-reazzjoni tagħhom kienet waħda sempliċi u spontanja: *Father*, qaluli, flok ser nirsistu b'ħidmietna biex inżidu r-rizorsi materjali tal-Kulleġġ - xi kompjuter jew xi ħaġa oħra - ser nitfgħu l-enerġija tagħna f'min ser iħaddem dawn l-istess riżorsi. J'alla dan is-sens ta' apprezzament reċiproku jibqa' dejjem ir-ruħ li tagħti l-ħajja lil din l-għaqda bejn id-dar u l-iskola li tant semmejna l-lejla.

It-tifel irid ikun fiċ-ċentru. L-ironija hi li xi drabi hu verament ikun fiċ-ċentru, iżda waħdu anke jekk imdawwar minn ħafna kumdità iżda nieqes mill-ħin li l-ġenituri tiegħu jistgħu jqattgħu miegħu minħabba fl-inpenji tagħhom. Il-ħsieb li jien fittixt naqsam magħkom il-lejla, hu dak tal-borma li trid toqgħod fuq tlieta; u tlieta marbuta ma' xulxin. Kull lmsieħeb dejjem għandu l-ħtieġa li jkompli jikber hu fuq livell personali, għax bħala persuni qatt ma nistgħu ngħidu li kbirna biżżejjed, li wasalna; u dejjem jeħtiġilna nkunu attenti għall-iżvilupp kontinwu tagħna. Iżda jmiss lilna l-kbar - fil-każ tagħna: intom il-ġenituri aħna l-għalliema - u propju għax aħna kbar u diġà mxejna biċċa sew mit-triq tal-maturità personali tagħna, li ngħinu liż-żgħar tagħna matul it-triq, il-proċess tal-maturità tagħhom. Irridu 'nakkumpanjawhom', ħalli huma jikbru b'mod sħiħ fl-aspetti differenti tal-personalità tagħhom. Ir-'riżultati' - dawk ta' l-eżamijiet - riżultati huma, u jiġu meta jsir ix-xogħol ta' kuljum. U għalina, fil-Kulleġġ Missjunarju ta' San Pawl, dan li nfittxu naqsmu ma' l-istudent u mal-familja tiegħu: l-enfasi fuq ix-xogħol ta' kuljum. U bl-istess enfasi nisħqu daqshekk ieħor fuq l-attenzjoni ta' kuljum għad-dimensjonijiet l-oħra kollha fl-iżvilupp tal-personalità ta' l-istudent. Ħalli l-attenzjoni tagħna - ġenituri u għalliema - lejn uliedna, waqt li nakkumpanjawhom f'mixjithom, tkun dik ta' Marija lejn binha Ġesù li ratu jibqa' "... jikber u jissaħħaħ, mimli bil-għerf. U l-grazzja ta' Alla kienet fuqu." (Luqa 2, 40)